-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

[Nhar il-Tlieta 4 ta' Lulju 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera
Jeremy Cardona – Kunsillier
Alexander Calleja  Zammit

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mario Azzopardi – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **58.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 58.1.1 | Id-D.S.E informa li l-kunsillier M.Azzopardi talab biex ikun skużat. Kien hemm qbil unanimu. |
| **58.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 57** |
| 58.2.1<br><br>58.2.2<br><br>58.2.3<br><br>58.2.4 | B'referenza għal punt nru. 57.3.7 il-Kunsill talab illi Bulletproof jibagħtu l-footprint tal-proġett jekk għanda ssir fil-ġnien. Dan wara illi d-DSE qal illi minħabba l-isponsors m'hemmx possibilità li ssir minflok fl-area ta' Tal-Qroqq.<br><br>B'referenza għal punt nru. 57.3.6 is-Sindku qal illi FDP hija l-pass li jmiss minn naħa ta' MIDI.<br><br>B'żieda ma' din il-punt il-kunsillier H.Caruana qal illi kella tintbagħat invit lill-Kunsill għall-attivita li saret f'Manoel Island fir-rigward tal-gala night tal-films.<br><br>Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ. |
| **58.3** | **Korrespondenza mas-Sindku** |
| 58.3.1<br><br>58.3.2<br><br>58.3.3<br><br>58.3.4<br><br>58.3.5<br><br>58.3.6 | Is-Sindku qal illi l-Każin tal-Banda talbu assistenza għall-BBQ. Kien hemm qbil unanimu illi nassistu sa €600 total ta' assistenza.<br><br>Is-Sindku qal illi Gzira United talbu wkoll assistenza sabiex jinkrew imwejjed u siġġijiet, kif ukoll għall-entertainment sabiex isir ġbir tal-fondi għall-klabb. Kien hemm qbil sa massimu ta' €700.<br><br>Is-Sindku ura filmat tal-proġett tal-ġnien fejn kien hemm qbil unanimu ma dak illi ġie ippreżentat. Il-Viċi Sindku staqsa jekk se jneħħu parkeġġ. Is-Sindku qal mhux suppost imma rridu nikkonfermaw.<br><br>Id-DSE qal illi waslet talba għal Un/Loading u żebra crossing ġewwa triq Ponsonby. Kunsilliera qalu li l-Un/Loading diġà saret. Ma kienx hemm qbil fuq iz-zebra crossing għalhiex se jintilef iżjed parking u hija triq one-way li mhix traffikuża.<br><br>Id-DSE ippreżenta stimi ta' projectors. Il-Kunsill qabel illi mmexxu bl-irħas stima. Id-DSE qal illi s'issa tnejn biss waslu u se jingħat ħin biex niġbru t-tielet waħda l-ewwel.<br><br>Id-DSE qal illi l-End of Summer Festival issa ġiet posposta għal 29 ta' Settembru sall-1 ta' Ottubru. Minħabba fiha l-kunsilliera ppropomew illi Jum il-Gzira tiġi ċċelebrata fit-22 ta' Settembru minflok. |

| | |
|---|---|
| | Id-DSE qal illi l-organizzatur tal-Festival talab għal assistenza tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx illi nassistu finanzjament ħlief għall-affarijiet żgħar peress illi se tingħata permessi b'xejn, kif ukoll peress illi se jkun hemm introjtu mill-istands.<br><br>**IL-kunsillier J.Borg telqet fis-18:15** |
| 58.4 | Mistoqsijiet tal-kunsilliera |
| 58.4.1 | Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| 58.5 | Rapporti |
| 58.5.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti |
| 58.6 | *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa |
| 58.6.1 | Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill kien jaf dwar ix-xogħolijiet ta' Sliema road. Id-DSE qal illi ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti wara li kien telaq. |
| 58.6.2 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi waqaw in-nies ġewwa triq Stuart fejn sar parti ta' bankina barra sit ta' kostruzzjoni. |
| 58.6.3 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm bzonn intejbu d-dawl fil-ġnien. Kien hemm qbil illi jsiru floodlights. |
| 58.6.4 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm stabbiliment tal-ikel illi għamel turf u għalaq l-aċċess ġewwa Sliema rd. k/m triq ir-Rebħa. Żied illi 'Anchiova' għalaq il-bankina. Id-DSE qal se tintbagħat rapport lil Lands. |
| 58.6.5 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm sprall quddiem il-Convenience Store ta' Gzira rd. Illi hemm bżonn tiġi weldjata. |
| 58.6.6 | Il-kunsillier N.Chetcuti talab illi ssir post fuq il-FB rigward il-problema tal-iskart għalhiex hemm min ma jifhimx illi l-Kunsill ma jistax jiġbor meta irid. Is-Sindku fakkar illi l-problema per se tibqa dwar l-infurzar. |
| 58.6.7 | Il-Viċi Sindku talab assistenza għall-Minors ta' Gzira United iżda għandu jibgħat proprjament x'hemm bżonn jinxtara bħala equipment.<br><br>**Il-kunsillier A.Calleja Zammit wasal fis-18:40** |
| 58.6.8 | Il-kunsillier A.Calleja Zammit qal illi kienu inxtraw pitturi ftit ta' snin ilu u talab illi jkunu imwaħħlin fil-Kunsill. Kien hemm qbil. |

| | |
|---|---|
| 58.6.9 | Id-D.S.E informa li l-Kunsill se jkollu jopera minn post differenti għal ftit ġimgħat minħabba x-xogħolijiet illi qegħdin isiru fis-sulari ta' fuq tal-istess binja. Il-ħaddiema se jaħdmu minn Savoy Gardens. Bħala ġurnata, din se tkun meta l-kuntrattur li qed jaħdem fuq il-Kunsill jipprovdi l-printers illi hemm bżonn ġewwa Savoy Gardens. Kien hemm qbil.<br>Il-kunsillier A.Calleja Zammit qal illi huwa ferm importanti li l-assi tal-Kunsill ikunu protetti sakemm isir ix-xogħol. |
| **58.7** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 58.7.1 | Is-Sindku fakkar illi hemm fond ta' €13,000 għall-ispejjez ta' Mount Carmel Band Club għall-attivita li saret ġewwa Manoel Island. |
| 58.7.2 | Il-kunsillier I.Buhagiar ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. |
| **58.8** | **Mozzjoni** |
| 58.8.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **58.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 57.9.1 | Il-laqgha intemmet ghall-ħabta tas- 7.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar il-Tlieta 8 ta' Awwissu 2023 |

Awwissu

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv